TAL-PIETA`

MINUTI

Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 13

L-Erbgha, 2 ta' Lulju, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

PREZENTI

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi, u l-Kunsillieri Colin Bowman, Josef Fitzpatrick, Charles Grech u Mark Pisani.

TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

1. MINUTI

1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru. 12 li saret nhar it-Tlieta, 3 ta' Gunju, 2025, kienu approvati.

2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

3.1 Ma kienx hemm Hwejjeg li Jirrizultaw mill-Minuti.

4 STUDJU DWAR IL-KAPACITA` TA' TOLLERANZA TA' L-IZVILUPP – 'CARRYING CAPACITY'

4.1 Tressqet quddiem il-Kunsill, il-mozzjoni Nru IX/13-1 (Appendici A) mressqa mill-Kunsillier Josef Fitzpatrick u sekondata mill-Kunsillier Bowman, sabiex isir studju dwar il-Kapacita` ta' Tolleranza ta' l-Izvilupp – 'Carrying Capacity'.

4.2 Il-Kunsillier Fitzpatrick qal li din il-mozzjoni kienet qed titressaq sabiex isir studju fuq kemm il-lokalita` tista' tiflah f'dak li ghandu x'jaqsam żvilupp, bini, popolazzjoni, impatt fuq l-ambjent etc. Il-mozzjoni qed tipproponi li dan l-istudju ghandu jsir mill-Ministeru konċernat u mhux mill-fondi tal-Kunsill.

4.3 Il-Kunsillier Grech qal li hu ma jhossx li ghandu jwaqqaf lil xi hadd milli jkollu dar u jrid jizviluppaha f'aktar sulari u jkun jista' jikrihom. Huwa qal li m'ghandux il-lokal kollu jiġi l-istess u semma li hemm postijiet bhat-triq tal-Knisja li ghandhom jibqghu kif inhuma.

4.4 Is-Sindku qal li dwar Santa Monika, irid ikun hemm deċiżjoni mill-Awtorita tal-Ippjanar sabiex din it-triq tibqa' kif inhi.

4.5 Bi tliet voti favur u erbgha kontra il-mozzjoni ma ghadditx.

5 KORRISPONDENZA

5.1 Tressqet quddiem il-Kunsill, ittra minghand Refab Lightblue Partnership dwar il-possibilta` ta' tqeghid ta' containers fejn jista' jinġabar zejt użat. Il-Kunsill qabel ma' din l-idea u 'l quddiem se jkun qed jerga' jiddiskutiha.

5.2 L-NGO ROTA kienu qed jitolbu lil Kunsill sabiex jiġu identifikati postijiet fejn jistghu jitpoġġew bike racks fil-lokalita`. Gew identifikati Pjazza San Luqa, It-Torpedo Depot u hdejn il-Kappella tad-Duluri fejn dwan jistghu jitqieghdu.

6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

6.1 **Tournament tac-Chess**: Is-Sindku nforma li fid-19 ta' Lulju ir-Regjun il-Lvant kien se jorganizza tournament tac-chess fis-Swieqi.

6.2 **U-bars fi Triq ix-Xatt**: Is-Sindku qal li kien irċieva numru ta' ilmenti li anke waslu għand il-Kunsill Lokali li fi Triq ix-Xatt qed ikun hemm karozzi pparkjati fuq il-bankina, fejn il-bankina hija dejqa u ma jitħalliex spazju għal min jagħmel użu minn siġġu tar-roti. Ġie suġġerit li jintalab permess lil TM sabiex jitwahhlu u-bars bir-reklami f'dawn iż-żoni fejn hemm bankina dejqa u li jkunu wkoll ta' introjtu għall-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

6.3 **Attivita` kulturali mal-Kunsill Regjonali Lvant**: Is-Sindku informa li nhar il-Gimgha, 1 ta' Awwissu ser issir attività` kulturali konġunta mal-Kunsill Regjonali Lvant. Ser jinġieb trailer li jkun armat bid-dwal u s-sound u li fuqu jkun hemm il-kantanti. Il-Kunsill ser ikun qiegħed iġib kantant, żona ghat-tfal u siġġijiet u mwejjed. Jekk bhala loġistika ikun tajjeb, it-trailer ser jitqieghed fil-parti t'isfel ta' Triq Santa Monika sabiex l-attivita` issir fi Triq id-Duluri bejn Triq Santa Monika u Triq San Guzepp. B'hekk, kemm Triq San Guzepp kif ukoll Triq Santa Monika jibqghu miftuha ghat-traffiku. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

6.4 **Jum il-lokalita`**: Is-Sindku qal li bhala attività` issir quddiesa fil-knisja u forsi jsir xi haġa zghira x'imkien bhal Blackley. Il-Kunsill ghandu jahseb ukoll f'Gieh il-Lokalita`. Il-Kunsillier Pisani qal li l-Kunsill ghandu jara li l-persuna maghzula ma tkunx l-istess wahda li tinghata l-premju mill-Kappillan.

Il-Kunsillier Fitzpatrick issuġġerixxa lill-Isqof Gorg Frendo ghal Gieh il-Lokalita` ta' din is-sena. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

6.5 **Bye-law konsum tal-alcohol**: Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jibda jahdem fuq bye-law dwar il-konsum tal-alcohol fit-toroq barra fl-attivitajiet kbar bhal festa, football jew politika. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

6.6 **Gbir tal-iskart**: Is-Sindku informa li kien hemm diskussjoni waqt il-laqgha tar-Regjun fejn issemmiet il-possibilta` li l-Gvern qieghed jikkunsidra li l-gbir tal-iskart jibda jsir filghaxija. Is-Sindku qal li fl-opinjoni tieghu, f'Tal-Pieta` il-hin tas-7.30am ta' filghodu huwa tajjeb jew jimxi b'nofs siegha. Il-Kunsillier Grech qal li l-ewwel haġa, wiehed irid jara jekk il-kuntrattur jistghax jibda jiġbor filghaxija. Il-Vici Sindku qal li hu kien jaqbel li s-servizz jibda jinghata bil-lejl. Il-Kunsillieri l-ohra qablu li dan is-servizz ikun ahjar jekk jibqa' jinghata filghodu kif qed isir bhalissa.

7 MISTOQSIJIET

7.1 Il-Kunsillier Douglas Tanti qal li xi residenti kienu kellmuh dwar it-tlestija tal-bazi tal-Madonna, inkluż xi dawl, fi Pjazza Madonna ta' Fatima. Kien hemm min semma wkoll li l-bankijiet mhux komdi. Semmew ukoll li nies mhux residenti fil-pjazza kienu qed jiġu jarmu fl-iskips li hemm fl-istess pjazza u ghalkemm hemm il-cctv's, dawn ma jitharrkux. Kien hemm ukoll ilmenti dwar xi ġrieden li hergin minn taht Blokk D2.

Il-Kunsillier Grech qal li qieghed f'kuntatt mal-Housing u l-Lands dwar il-problema ta' Blokk D2. Is-Sindku qal li dwar il-funtana, flimkien mal-Vici Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv saret laqgha mal-Public Works sabiex jibdew jiehdu hsieb il-funtana huma. Dwar l-iskips inġibdet l-attenzjoni li dawn jistghu jintużaw mill-pubbliku inġenerali u mhux mir-residenti tal-Pjazza biss.

7.2 Il-Kunsillier Douglas Tanti informa wkoll li fit-12 ta' Lulju kienet ser issir loghba football friendly ghal karità`.

7.3 Il-Kunsillier Grech staqsa x'sar mill-battrey tal-van tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill qieghed jistenna skema sabiex ikun jista' japplika ghal fondi.

7.4 Il-Kunsillier Grech semma li hemm xi poles imkissrin fi Pjazza San Luqa u li min ha il-cafeteria ghandu jiżgura li jsir il-knis sew tal-Pjazza.

7.5 Il-Kunsillier Grech semma li hemm bżonn tiswija ta' xi kurduni fi Triq Blackley u hemm xi haxix hazin fi Triq Zammit Clapp.

7.6 Il-Kunsillier Grech informa li kien kellmu l-Kappillan u qallu li ghandu lapida fuq xi incident li kien sehh fi Triq Zammit Clapp u talab lill-Kunsill biex jghinu biex din tehel x'imkien gewwa Triq Zammit Clapp bhala tifkira.

7.7 Il-Kunsillier Pisani staqsa kemm se jkun hemm spazji ghar-residenti fil-parkegg ta' hdejn il-PBS. Is-Sindku wieġeb li ser ikun hemm madwar 20 u fil-granet li gejjin kienu se jaghmlu l-linji tal-parkegg.

8 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

8.1 Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 12. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

9. TMIEM

9.1 Fis-6.45pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 6 ta' Awwissu, 2025, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

Konfermati:

Stefano Savo
Sindku